



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10319/18

DEVGEN 106
ACP 58
RELEX 574
REGIO 46

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 25 ta' Ġunju 2018

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8556/18

Suġġett: Kooperazzjoni tal-UE ma' bliet u awtoritajiet lokali f'pajjiżi terzi
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni tal-UE ma' bliet u awtoritajiet lokali f'pajjiżi terzi, kif adottati mill-Kunsill fit-3628 laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Ġunju 2018.

Kooperazzjoni tal-UE ma' bliet u awtoritajiet lokali f'pajjiżi terzi
Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Kunsill ifakkar fil-qafas ta' politika tal-UE u dak internazzjonali, inkluż il-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp,¹ li jiżgura l-impenn strateġiku ma' bliet u awtoritajiet lokali f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li, fost elementi oħra, jisħaq fuq il-prinċipji ta' "Bliet għal Kulħadd". Il-Kunsill jissottolinja bil-qawwa li l-iżvilupp urban sostenibbli kif ukoll politiki urbani u territorjali inklużivi, bilanċjati u integrati huma essenzjali biex jinkiseb l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 11 kif ukoll l-SDGs l-oħra kollha. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli fil-livell lokali u biex tagħmel użu sħiħ mill-qafas ta' politika u l-istrumenti disponibbli kollha biex tisfrutta b'mod effettiv il-benefiċċji ta' kooperazzjoni intensifikata u innovattiva ma' bliet u awtoritajiet lokali f'pajjiżi sħab.
2. Iż-żoni mibnija tal-ibliet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikolarment fl-Asja u fl-Afrika, mistennija jiżdiedu fid-daqs b'200% sal-2030. L-urbanizzazzjoni u l-isfidi assoċjati huma wkoll sinifikanti f'reġjuni oħra, inkluż fl-Amerka Latina u l-Karibew kif ukoll fil-Viċinat tal-UE. Il-pass mgħaġġel kontinwu tal-urbanizzazzjoni jimplika li t-twettiq tal-oġettivi tal-politika tal-UE jistgħu jinkisbu biss permezz ta' sħubiji msaħħa ma' bliet u awtoritajiet lokali rilevanti f'pajjiżi terzi.

¹ L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Aġenda Urbana Ġdida; Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Awtoritajiet Lokali fi Żvilupp, Lulju 2013.

3. Ħafna bliet u awtoritajiet lokali qed jiffaċċaw dejjem aktar l-isfidi tal-faqar urban, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanza spazjali, il-popolazzjoni eċċessiva, il-konflitt, il-kriminalità u l-vjolenza, il-vulnerabbiltà tal-infrastruttura, servizzi bażiċi mhux ta' kwalità u d-degradazzjoni ambjentali. L-ibliet u l-awtoritajiet lokali jibqgħu minn ta' quddiem nett fil-parti l-kbira tal-kriżijiet umanitarji. Il-vulnerabbiltà tal-ibliet għal epidemiji u diżastri u għall-impatti tat-tibdil fil-klima tiżdied minħabba tkabbir mgħaġġel tal-popolazzjoni u l-urbanizzazzjoni mhux ippjanata. Flussi migratorji u spostamenti furzati mingħajr preċedent minħabba fatturi ġeopolitiċi, umanitarji, ekonomiċi u ambjentali jaggravaw aktar dawn l-isfidi urbani. F'kuntesti bħal dawn, in-nisa u l-bniet huma esposti b'mod sproporzjonat għal riskju akbar ta' insigurtà u vjolenza.
4. Il-Kunsill huwa impenjat bis-siġħ li jsaħħaħ il-potenzjal tal-ibliet bħala ċentri għal tkabbir u innovazzjoni sostenibbli u inklużivi kif ukoll għat-tisħiħ tar-rwol tal-awtoritajiet lokali f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jilqa' d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni tal-UE ma' bliet u awtoritajiet lokali f'pajjiżi terzi².
5. Il-Kunsill jisħaq li l-indirizzar b'mod effettiv tal-isfidi tal-urbanizzazzjoni jeħtieġ bidla drastika mill-approċċ settorjali attwali għal perspettiva territorjali li ssaħħaħ ir-rabtiet urbani-rurali u li tintegra t-tliet dimensjonijiet ta' sostenibbiltà fl-iżvilupp urban filwaqt li tiġi żgurata koerenza bejn il-politiki ta' żvilupp urbani u daww rurali. Jeħtieġ li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiżviluppaw strateġiji, strumenti u proċeduri diversifikati, u jwettqu politika effettiva u djalogi politiċi b'appoġġ għal sħubiji li jħallu impatt u orjentati lejn ir-riżultati ma' bliet u awtoritajiet lokali f'pajjiżi sħab.

² 9095/18 - SWD(2018) 269 final

6. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni kontinwa ta' governanza tajba fil-livell tal-ibliet u l-awtoritajiet lokali. Il-Kunsill jisħaq ukoll li sistemi effettivi ta' governanza fuq ħafna livelli u oqfsa legali u ta' politika tajbin fuq livelli nazzjonali u subnazzjonali huma essenzjali. Jenħtieġ ambjent politiku u regolatorju favorevoli u abilitanti biex l-awtoritajiet lokali jkunu jistgħu jimplimentaw b'mod effettiv politiki urbani sostenibbli u approċċ territorjali għall-iżvilupp lokali. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' proċessi li jinvolvu diversi partijiet ikkonċernati li jkunu inklużivi, inkluż is-soċjetà ċivili u s-settur privat fil-governanza lokali, kif ukoll approċċi tajbin umanitarji u għall-iżvilupp li jorbtu flimkien soluzzjonijiet sostenibbli dwar l-iżvilupp, l-ippjanar urban u r-reżiljenza. Il-Kunsill jinnota li ħafna atturi fl-Istati Membri tal-UE qed jagħtu appoġġ biex tissaħħaħ il-governanza lokali fil-pajjiżi sħab.
7. Il-Kunsill jisħaq ukoll dwar il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità teknika u maniġerjali ta' bliet u awtoritajiet lokali li jiġu żviluppati u mwettqa politiki tal-ippjanar urban integrati u multisettorjali, inkluż għodod għal impenn attiv miċ-ċittadini. Filwaqt li wieħed jibni fuq approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, dan għandu jsir flimkien mal-ġhoti tas-setgħa lid-detenturi tad-drittijiet biex jieħdu d-drittijiethom.
8. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtiġijiet sostanzjali ħafna tal-investment u l-lakuni finanzjarji korrispondenti li jiffaċċaw l-ibliet u l-awtoritajiet lokali. Il-kompetenzi u l-kapaċitajiet ta' bliet u awtoritajiet lokali li jfasslu u jimplimentaw politiki fiskali għall-finanzjament muniċipali u l-ġenerazzjoni tad-dħul huma essenzjali fejn dawn is-setgħat ġew deċentralizzati. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tintensifika l-isforzi biex tappoġġa l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u d-dħul minn sorsi proprji fil-livell lokali.

9. Il-Kunsill ihegheg ukoll lill-Kummissjoni biex, kull meta possibbli, tappoġġa l-kapaċitajiet u l-isforzi lokali biex tħajjar l-investiment tal-kapital privat, b'mod partikolari billi tuża faċilitajiet ta' taħlit u tesplora ulterjorment mudelli u sħubiji ta' finanzjament innovattivi, inkluż dawk żviluppatti mill-awtoritajiet lokali tal-Istati Membri. Is-sħubiji pubbliċi-privati jista' jkollhom rwol ċentrali fil-ħolqien ta' bliet intelliġenti, sostenibbli u reżiljenti. Il-Kunsill jappella għal appoġġ rapidu u effettiv għall-urbanizzazzjoni sostenibbli, inkluż permezz tal-mobilizzazzjoni ta' finanzi addizzjonali offruti mill-Pjan ta' Investiment Etern Ewropew u l-komponent tiegħu ta' "Bliet Sostenibbli".
10. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-potenzjal ta' bliet u awtoritajiet lokali biex jirrealizzaw ekonomija ekoloġika u ċirkolari bħala mudell għal tkabbir inklużiv u li l-ibliet huma kruċjali fl-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima. Il-Kunsill ihegheg lill-Kummissjoni biex tippromwovi bliet ekoloġiċi u reżiljenti, billi tappoġġa t-transizzjoni lejn żoni urbani b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima b'attenzjoni fuq trasport pubbliku sostenibbli.
11. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-ispazju pubbliku u l-wirt kulturali li jikkontribwixxu għall-funzjonijiet soċjali, ekonomiċi u politiċi tal-ibliet.
12. Il-Kunsall jirrikonoxxi li bliet kbar ħafna u żoni metropolitani huma l-muturi tal-ekonomija globali, u li bliet primarji u sekondarji huma ċentri li jixprunaw it-tkabbir reġjonali u lokali u l-ħolqien tal-impjiegi. F'dan il-kuntest, il-Kunsall jirrikonoxxi l-importanza li jiġi stimulat ambjent abilitanti għas-settur privat b'mod partikolari f'impriżi mikro u ta' daqs żgħir li jkunu inklużivi u soċjali u soluzzjonijiet tas-suq innovattivi filwaqt li jhegheg transizzjoni mill-ekonomija informali għal dik formali. Il-Kunsall jappella wkoll għal attenzjoni speċifika fuq il-ħolqien ta' opportunitajiet edukattivi u ta' impjieg aħjar għan-nisa, żgħażagħ u persuni b'diżabilità.
13. Il-Kunsall jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tappoġġa ulterjorment l-approċċi ta' "bliet intelliġenti", inkluż billi tgħin lill-awtoritajiet lokali u l-ibliet f'pajjiżi sħab biex jistabbilixxu il-pedamenti diġitali, inkluż il-konnettività u l-aċċessibbiltà meħtieġa, għall-użu tas-servizzi ta' governanza elettronika u soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. Il-Kunsall jappella lill-Kummissjoni biex tappoġġa d-diġitalizzazzjoni bħala forza pożittiva għall-ħolqien tal-impjiegi u l-intraprenditorija soċjalment responsabbli u b'hekk tappoġġa r-rwol tal-ibliet bħala muturi tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

14. L-impenn mal-bliet u l-awtoritajiet lokali għandu jfittex li jintroduċi aktar trasparenza, governanza u kontabbiltà inklużivi fil-finanzjament pubbliku u t-twassil ta' servizzi pubbliċi, u għandu jintegra elementi dwar l-aħjar prassi għall-indirizzar tal-korruzzjoni u t-titjib fid-drittijiet tal-art u s-sigurtà tal-pussess għal kulħadd. Il-Kunsill jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li tkun promossa l-parteċipazzjoni attiva u sinifikattiva tar-residenti fl-ippjanar, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni ta' azzjonijiet lokali u servizzi pubbliċi rilevanti.
15. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' bliet inklużivi u sikuri u tal-indirizzar tal-muturi u l-effetti tal-inugwaljanza, il-marġinalizzazzjoni u s-segregazzjoni fil-belt stess u bejn bliet differenti. Huwa jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tintegra l-inklużjoni ta' gruppi marġinalizzati u persuni vulnerabbli, inkluż persuni b'diżabilità, l-anzjani, il-persuni spostati b'mod sfurzat u l-migranti, fl-appoġġ tal-UE għal bliet u awtoritajiet lokali f'pajjiżi terzi. Billi xi bliet u awtoritajiet lokali qed jiffaċċaw dejjem aktar flussi migratorji u tar-refuġjati, il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa l-ibliet u l-awtoritajiet lokali li qed jospitaw migranti u refuġjati.
16. Għandha tingħata prijorità lill-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa f'żoni urbani, kif ukoll lir-rwol taż-żgħażaġh bħala promoturi għad-demokrazija, l-iżvilupp u t-trasformazzjoni. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tappoġġa l-kapaċitajiet lokali għat-tisħiħ tas-sikurezza u s-sigurtà tan-nisa u l-bniet f'żoni urbani kif ukoll għat-titjib tad-drittijiet tal-art u l-pussess tal-art għal kulħadd.
17. Il-Kunsill ihegġegħ lis-Servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jintegraw il-kwistjonijiet relatati maż-żoni urbani f'politiki tematiċi u djalogi politiċi, u biex japprofondixxu d-djalogi strutturati tagħhom ma' bliet u awtoritajiet lokali. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' rabtiet bejn il-persuni fil-livell lokali u jfakkar li l-użu ta' għodod bħall-kooperazzjoni deċentralizzata, il-ġemellaġġ għal bliet u awtoritajiet lokali u l-assoċjazzjoni ta' bliet għandhom potenzjal tajjeb biex isaħħu l-kapaċità ta' bliet u awtoritajiet lokali flimkien ma' kooperazzjoni istituzzjonali u appoġġ tekniku. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tintensifika l-azzjoni f'dan il-qasam u, fejn rilevanti, biex tintegra l-ġemellaġġ fi programmi ta' żvilupp urban fil-futur.

18. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu r-rwol importanti ta' UN-Habitat fl-appoġġ għal bliet sostenibbli.
 19. Il-Kunsill jenfasizza li għandu jingħata appoġġ partikolari biex jiġi żgurat approċċ integrat u multisettorjali lil bliet u awtoritajiet lokali, kemm urbani u rurali, fl-assistenza esterna tal-UE.
 20. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi aġġornamenti regolari lill-Kunsill dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni ma' bliet u awtoritajiet lokali f'pajjiżi terzi. Huwa jħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi forum adegwat għall-iskambju tal-informazzjoni, l-esperjenza u l-għarfien b'mod regolari mal-Istati Membri tal-UE u s-sħab rilevanti dwar il-kooperazzjoni ma' bliet u awtoritajiet lokali f'pajjiżi terzi.
-